**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2021/0218(COD)**

24.5.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652s

(COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Hildegard Bentele



*Magħquda fid-diversità*

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol fundamentali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050, peress li s-settur tal-enerġija jikkontribwixxi aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Billi tnaqqas dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ambjent bħat-telf tal-bijodiversità. | (2) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol fundamentali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050, peress li s-settur tal-enerġija jikkontribwixxi aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Billi tnaqqas dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ambjent bħat-telf tal-bijodiversità ***u l-insigurtà tal-ikel***. |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-enerġija rinnovabbli hija faċilitatur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli, u tikkontribwixxi direttament u indirettament għal ħafna Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż it-tnaqqis tal-faqar, l-edukazzjoni, l-ilma u s-sanità. Is-sorsi rinnovabbli jirriżultaw ukoll f'benefiċċji soċjoekonomiċi wiesgħa, joħolqu impjiegi ġodda u jrawmu l-industriji lokali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Ir-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tat-trasport tal-Unjoni f'sistema ta' awtosuffiċjenza enerġetika u enerġija nadifa, bbażata totalment jew b'mod prevalenti fuq l-enerġija rinnovabbli mhijiex possibbli sal-iskadenza stabbilita jekk tkun tiddependi biss mir-riżorsi rinnovabbli nazzjonali. Biex titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, hija meħtieġa strateġija wiesgħa u koerenti, li tkun tinkludi wkoll l-importazzjoni ta' enerġija rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli mill-pajjiżi sħab l-anqas żviluppati u li qed jiżviluppaw. Tali strateġija jenħtieġ li tkun parti mid-diplomazija tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni, li tippromwovi t-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika anke fil-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw u speċjalment fil-pajjiżi sħab l-anqas żviluppati bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet internazzjonali tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 u l-SDGs globali.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) Hemm potenzjal enormi għall-Unjoni u l-pajjiżi sħab tagħha li qed jiżviluppaw f'termini ta' kooperazzjoni teknoloġika, proġetti ta' enerġija rinnovabbli u esportazzjonijiet ta' enerġija nadifa u l-iżvilupp ta' interkonnettività akbar ta' grilji tal-enerġija nadifa. Minkejja t-tkabbir kumplessiv kostanti tagħhom, l-investimenti fl-enerġija*** |

| | |
|---|---|
| | ***rinnovabbli għadhom ikkonċentrati f'numru ristrett ta' reġjuni u pajjiżi. Ir-reġjuni ddominati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk emerġenti jibqgħu konsistentement sottorappreżentati, u jattiraw biss madwar 15 % tal-investimenti globali fl-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li s-sħubijiet tal-enerġija tal-Unjoni jkunu mmirati lejn proġetti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jistabbilixxu oqfsa legali u finanzjarji u jenħtieġ li jinkludu l-għoti tal-assistenza teknika meħtieġa u t-trasferiment tal-għarfien f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur privat. L-impenji marbuta mal-governanza tajba u l-prospettiva ta' kollaborazzjoni stabbli u fit-tul jenħtieġ li jkunu kundizzjoni għall-kooperazzjoni tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija sostenibbli jenħtieġ li tkun prijorità fundamentali għall-pajjiżi idonei fl-ambitu tal-inizjattiva Global Gateway.*** |

**Emenda 5**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni biex sal-2030 jintlaħaq sehem ta' mill-anqas 32 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni. Skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija jkun jeħtieġ li jiżdied għal ***40*** % sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra[10]. Għalhekk, il-mira stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva trid tiżdied. | (3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni biex sal-2030 jintlaħaq sehem ta' mill-anqas 32 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni. Skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija jkun jeħtieġ li jiżdied għal ***45*** % sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra[10]. Għalhekk, il-mira stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva trid tiżdied. |

[9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209

[10] Il-Punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna

[9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209

[10] Il-Punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna

**Emenda 6**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3a)* ***Minbarra l-impatti tal-użu tal-art, iż-żieda fid-domanda għall-bijokarburanti tirriskja li tipperpetwa mudell agrikolu li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-bijodiversità u jirriskja li jintensifika l-pressjoni fuq l-art li tintuża illegalment għal skopijiet agrikoli. It-tkabbir tal-konsum tal-bijokarburanti fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jista' jkun xprun tal-bidla indiretta fl-użu tal-art u l-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel, u dan joħloq theddida għas-sigurtà tal-ikel. Għalhekk huwa importanti li d-domanda mill-Unjoni ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs) ma tixprunax mudelli ta' produzzjoni mhux sostenibbli barra mill-Unjoni. Biex jittaffa dan ir-riskju, l-RFNBOs jenħtieġ li jissodisfaw sett ta' kriterji minimi inkluż fir-rigward tal-użu tal-art u tal-ilma u ma jridux ikunu f'kompetizzjoni mal-ħtiġijiet tal-provvista tal-komunitajiet lokali għall-ilma, l-art u l-enerġija u jridu jkunu konformi mal-objettivi tal-SDGs kif ukoll mal-Ftehim ta' Pariġi u l-ftehimiet internazzjonali dwar il-bijodiversità u l-ambjent. Ġerarkija ta' użi għall-għelejjel*** |

***tal-ikel u l-għalf għandha tiġi riflessa fil-politiki nazzjonali u l-iskemi ta' appoġġ għall-bijoenerġija żviluppati minn kull Stat Membru u f'pajjiżi sħab. F'każ ta' tensjonijiet serji fis-swieq agrikoli, is-sigurtà tal-ikel jenħtieġ li tingħata prijorità.***

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Sabiex tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-iżvilupp tagħhom, il-bijokarburanti avvanzati u l-bijogassijiet prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u li ma jikkompetux mas-sigurtà tal-provvista tal-ikel, jenħtieġ li jiġu magħduda darbtejn għall-mira tat-tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilita fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dik id-Direttiva.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) It-tkabbir rapidu u ż-żieda fil-kompetittività tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli jistgħu jissodisfaw sehem dejjem akbar tad-domanda għall-enerġija, pereżempju bl-użu ta' pompi tas-sħana għal tisħin tal-post jew ta' proċessi industrijali ta' temperatura baxxa, ta' vetturi elettriċi għat-trasport, jew ta' fran elettriċi f'ċerti industriji. L-elettriku rinnovabbli | (5) It-tkabbir rapidu u ż-żieda fil-kompetittività tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli jistgħu jissodisfaw sehem dejjem akbar tad-domanda għall-enerġija, pereżempju bl-użu ta' pompi tas-sħana għal tisħin tal-post jew ta' proċessi industrijali ta' temperatura baxxa, ta' vetturi elettriċi għat-trasport, jew ta' fran elettriċi f'ċerti industriji. L-elettriku rinnovabbli |

| | |
|---|---|
| jista' jintuża wkoll biex jiġu prodotti karburanti sintetiċi għall-konsum f'setturi tat-trasport li diffiċli jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. Qafas għall-elettrifikazzjoni jrid jippermetti koordinazzjoni robusta u effiċjenti u li jespandi l-mekkaniżmi tas-suq biex jilħaq kemm il-provvista kif ukoll id-domanda fl-ispazju u fiż-żmien, jistimula l-investimenti fil-flessibbiltà, u jgħin fl-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-użu tal-elettriku rinnovabbli jkompli jiżdied b'pass adegwat biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber. Għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas li jinkludi mekkaniżmi kompatibbli mas-suq biex jindirizzaw l-ostakli li jifdal biex ikun hemm sistemi tal-elettriku sikuri u adegwati adatti għal livell għoli ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin, integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-elettriku. B'mod partikolari, dan il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk mhux finanzjarji bħal riżorsi diġitali u umani insuffiċjenti tal-awtoritajiet għall-ipproċessar ta' għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-permessi. | jista' jintuża wkoll biex jiġu prodotti karburanti sintetiċi għall-konsum f'setturi tat-trasport li diffiċli jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. Qafas għall-elettrifikazzjoni jrid jippermetti koordinazzjoni robusta u effiċjenti u li jespandi l-mekkaniżmi tas-suq biex jilħaq kemm il-provvista kif ukoll id-domanda fl-ispazju u fiż-żmien, jistimula l-investimenti fil-flessibbiltà, u jgħin fl-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-użu tal-elettriku rinnovabbli jkompli jiżdied b'pass adegwat biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber***, anki billi jikkoordinaw l-istrateġiji f'dawk li huma importazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni***. Għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas li jinkludi mekkaniżmi kompatibbli mas-suq biex jindirizzaw l-ostakli li jifdal biex ikun hemm sistemi tal-elettriku sikuri u adegwati adatti għal livell għoli ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin, integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-elettriku. B'mod partikolari, dan il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk mhux finanzjarji bħal riżorsi diġitali u umani insuffiċjenti tal-awtoritajiet għall-ipproċessar ta' għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-permessi. |

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***3a. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom, inklużi l-obbligi derivati skont l-Artikoli 25 sa 28, u l-iskemi ta' appoġġ tagħhom jitfasslu b'kunsiderazzjoni*** |

***xierqa għas-supremazija tal-użu tal-ikel u l-għalf tal-għelejjel. Għal kull prodott tal-ikel u l-għalf użat fil-produzzjoni tal-bijoenerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu prezz massimu li jekk jinqabeż tiġi sospiża l-iskema ta' appoġġ għall-bijoenerġija bl-użu tal-bijomassa agrikola li tikkompeti mal-użu tal-ikel. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu skema ta' kumpens għall-operaturi ekonomiċi involuti fil-produzzjoni tal-bijoenerġija sal-ammont ta' spejjeż fissi mhux koperti matul il-perjodu ta' sospensjoni.***

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 3 – paragrafu 4a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas, li jista' jinkludi skemi ta' appoġġ u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, li jippermettu l-użu tal-elettriku rinnovabbli għal livell li jkun konsistenti mal-kontribuzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 2 u b'pass li jkun konsistenti mat-trajettorji indikattivi msemmija fl-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999. B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, għal livell għoli ta' provvista tal-elettriku rinnovabbli. Meta jfasslu dak il-qafas, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elettriku rinnovabbli addizzjonali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-binjiet u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.; | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 11**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8 – punt a – punt i**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinħareġ garanzija tal-oriġini bi tweġiba għal talba minn produttur tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu arranġamenti biex jinħarġu garanziji tal-oriġini għall-enerġija minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli. Il-ħruġ ta' garanziji tal-oriġini jista' jkun soġġett għal limitu minimu ta' kapaċità. Garanzija tal-oriġini għandha tkun tad-daqs standard ta' 1 MWh. Ma għandhiex tinħareġ aktar minn garanzija tal-oriġini waħda fir-rigward ta' kull unità ta' enerġija prodotta. | Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinħareġ garanzija tal-oriġini bi tweġiba għal talba minn produttur tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu arranġamenti biex jinħarġu garanziji tal-oriġini għall-enerġija minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli***. Għal perjodu tranżitorju sal-2025, għandhom japplikaw proċeduri rapidi bbażati fuq skemi volontarji***. Il-ħruġ ta' garanziji tal-oriġini jista' jkun soġġett għal limitu minimu ta' kapaċità. Garanzija tal-oriġini għandha tkun tad-daqs standard ta' 1 MWh. Ma għandhiex tinħareġ aktar minn garanzija tal-oriġini waħda fir-rigward ta' kull unità ta' enerġija prodotta. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8 – punt ba (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 19 – paragrafu 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 11. ***L-Istati Membri ma għandhomx jirrikonoxxu garanziji*** tal-oriġini maħruġa minn ***pajjiżi terzi ħlief meta l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-garanziji tal-oriġini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji*** tal-oriġini ***stabbiliti f'dak il-pajjiż*** terz***, u biss*** | 11. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida li jiċċaraw ir-rekwiżiti tal-Unjoni għar-rikonoxximent tal-garanziji*** tal-oriġini maħruġa minn ***pajjiż terz, inklużi l-kundizzjonijiet sottostanti ta' governanza assoċjati, bil-għan li tiffaċilita u tirrazzjonalizza l-konklużjoni ta' tali ftehimiet mal-pajjiżi terzi. L-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| ***meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija*.** | ***ma għandhomx jirrikonoxxu l-garanziji tal-oriġini maħruġa minn pajjiż terz għajr jekk ikunu ġew rispettati l-linji gwida maħruġa mill-Unjoni.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt bb (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 19 – paragrafu 12a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***12a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 11, il-Kummissjoni għandha toffri proċedura rapida għal skemi volontarji għal perjodu proviżorju sal-2025. Il-konsenji taħt kuntratti proviżorji fit-tul għandhom jibbenefikaw minn klawżola ta' anterjorità. Skema ta' garanziji tal-oriġini għandha tkun fis-seħħ sal-2025.*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 22a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fi żmien ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija globali ta' importazzjoni għall-RFNBOs u l-idroġenu. Dik l-istrateġija għandha tinkludi miri u miżuri indikattivi għall-importazzjonijiet tal-elettriku rinnovabbli, tal-RFNBOs u tal-idroġenu rinnovabbli. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibbiltà li tagħti appoġġ lill-importazzjonijiet billi tistabbilixxi pjattaforma għall-irkant tal-kuntratti tal-kunsinna b'terminu twil. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentaw l-istrateġija fil-pjanijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u fir-rapporti ta' progress ippreżentati skont l-Artikoli 3, 14 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999. L-istrateġija għandha tqis ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat l-aċċess għall-enerġija għall-popli lokali.*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jistabbilixxu l-obbligu dwar il-fornituri tal-karburanti, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-karburanti li jfornu l-elettriku jew karburanti tat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika mir-rekwiżit li jikkonformaw mas-sehem minimu ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fir-rigward ta' dawk il-karburanti. | Meta jistabbilixxu l-obbligu dwar il-fornituri tal-karburanti, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-karburanti li jfornu l-elettriku jew karburanti tat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika mir-rekwiżit li jikkonformaw mas-sehem minimu ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fir-rigward ta' dawk il-karburanti. ***Fil-każ ta' sospensjoni tal-politika nazzjonali u l-iskema ta' appoġġ kif previst fl-Artikolu 3 (3a), l-obbligu fuq il-fornituri tal-karburanti li jnaqqsu l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit fil-paragrafu 1, punt (a), ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat pro rata għall-perjodu ta' sospensjoni u abbażi tad-diversi sorsi rinnovabbli użati fis-sena preċedenti.*** |

**Emenda 16**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a – punt i**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"Għall-kalkolu*** tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn jiġu prodotti minn għelejjel ***tal-ikel u tal-għalf***, ma għandux ikun ***aktar minn punt perċentwali wieħed*** ogħla mis-sehem ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija ***fis-settur*** tat-trasport fl-2020 f'dak l-Istat Membru, b'massimu ta' 7 % ta' konsum finali tal-enerġija ***fis-settur*** tat-trasport f'dak l-Istat Membru.***;*** | ***Għall-kalkolu*** tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn jiġu prodotti minn għelejjel, ma għandux ikun ogħla mis-sehem ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija ***fis-setturi*** tat-trasport ***bit-triq u bil-ferrovija*** fl-2020 f'dak l-Istat Membru, b'massimu ta' 7 % ta' konsum finali tal-enerġija ***fis-setturi*** tat-trasport ***bit-triq u bil-ferrovija*** f'dak l-Istat Membru. ***F'każijiet ta' tfixkil gravi tas-swieq tal-ikel, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' sospensjoni temporanji fuq il-produzzjoni ta' bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa minn kultivazzjonijiet alimentari, jekk dawn ikunu qed jikkompetu mal-għelejjel għall-produzzjoni tal-ikel, sabiex inaqqsu d-domanda tal-enerġija għall-komoditajiet alimentari, jiżguraw id-domanda tal-ikel addizzjonali u jistabbilizzaw is-swieq globali tal-komoditajiet alimentari.*** |

**Emenda 17**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 26 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fil-paragrafu 2, l-ewwel u l-ħames subparagrafi, "is-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1)" huwa sostitwit bi "l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il- | (b) fil-paragrafu 2, l-ewwel u l-ħames subparagrafi, "is-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1)" huwa sostitwit bi "l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il- |

| | |
|---|---|
| punt (a)"; | punt (a)"; |
| | ***fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, wara "hija osservata...b'ħażna għolja ta' karbonju" żid il-kliem li ġej ", inkluż iż-żejt tal-palm u tas-sojja flimkien mal-koprodotti tagħhom," u ħassar ", sakemm ma jkunux iċċertifikati li huma bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art skont dan il-paragrafu"*** |

**Emenda 18**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 29a – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-RFNBOs, sa ... [6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] il-Kummissjoni għandha tabbozza proposta leġiżlattiva li tiddefinixxi kriterji ta' sostenibbiltà ekwivalenti għall-proċessi ta' produzzjoni tal-idroġenu u karburanti sintetiċi oħra derivati mill-idroġenu għajr l-RFNBOs."*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2018/2001
Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) fl-Artikolu 33, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"2a. Sal-2023, u bi qbil mal-applikazzjoni tal-prinċipju "one in, one*** |

***out", il-Kummissjoni għandha tippreżenta, meta jkun il-każ, proposti biex jiġu kkumpensati l-piżijiet regolatorji introdotti minn din id-Direttiva, permezz tal-emenda jew tat-tħassir ta' dispożizzjonijiet ta' atti leġiżlattivi oħrajn tal-Unjoni li jiġġeneraw kostijiet tal-konformità fis-setturi milquta."***

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 |
| **Referenzi** | COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>13.9.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>11.11.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Hildegard Bentele<br>23.12.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 16.5.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 6<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Eric Andrieu, Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Chrysoula Zacharopoulou, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Rosa Estaràs Ferragut, María Soraya Rodríguez Ramos, Carlos Zorrinho |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 18 | + |
|---|---|
| ECR | Ryszard Czarnecki |
| ID | Gianna Gancia |
| NI | Antoni Comín i Oliveres |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Rosa Estaràs Ferragut, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé |
| Renew | Catherine Chabaud, Charles Goerens, María Soraya Rodríguez Ramos, Chrysoula Zacharopoulou |
| S&D | Eric Andrieu, Mónica Silvana González, Pierfrancesco Majorino, Carlos Zorrinho |

| 6 | - |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde, Bernhard Zimniok |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |
| Verts/ALE | Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Michèle Rivasi |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni